KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
WATHELET
ippreżentati fil-21 ta' April 2016 [1]

Kawżi magħquda C-105/15 P sa C-109/15 P

Konstantinos Mallis u Elli Konstantinou Malli (C-105/15 P),
Tameio Pronoias Prosopikou Trapezis Kyprou (C-106/15 P),
Petros Chatzithoma u Elenitsa Chatzithoma (C-107/15 P),
Lella Chatziioannou (C-108/15 P),
Marinos Nikolaou (C-109/15 P)
vs
Il-Kummissjoni Ewropea,

Il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE)

"Appell — Programm ta' sostenn għall-istabbiltà tar-Repubblika ta' Ċipru — Ftehim konkluż bejn il-pajjiżi tal-grupp tal-euro u l-awtoritajiet Ċiprijotti li jirrigwarda, fost oħrajn, ir-ristrutturazzjoni tas-settur bankarju f'Ċipru — Eżekuzzjoni ta' din il-parti tal-ftehim mill-Bank Ċentrali tar-Repubblika ta' Ċipru — Rikors għal annullament"

I – **Introduzzjoni**

1. Permezz tal-appelli tagħhom, fil-Kawża C-105/15 P Konstantinos Mallis u Elli Konstantinou Malli, fil-Kawża C-106/15 P Tameio Pronoias Prosopikou Trapezis Kyprou, fil-Kawża C-107/15 P Petros Chatzithoma u Elenitsa Chatzithoma, fil-Kawża C-108/15 P Lella Chatziioannou u fil-Kawża C-109/15 P Marinos Nikolaou (iktar 'il quddiem, flimkien, "Mallis *et*"), jitolbu, rispettivament, l-annullament tad-digrieti Mallis u Malli vs Il-Kummissjoni u BĊE (T-327/13, EU:T:2014:909), Tameio Pronoias Prosopikou Trapezis Kyprou vs Il-Kummissjoni u BĊE (T-328/13, EU:T:2014:906), Chatzithoma vs Il-Kummissjoni u BĊE (T-329/13, EU:T:2014:908), Chatziioannou vs Il-Kummissjoni u BĊE (T-330/13, EU:T:2014:904) u Nikolaou vs Il-Kummissjoni u BĊE (T-331/13, EU:T:2014:905) (iktar 'il quddiem, flimkien, id-"digrieti appellati"), li permezz tagħhom il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi tagħhom kontra l-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), intiżi għall-annullament tad-dikjarazzjoni tal-grupp tal-euro tal-25 ta' Marzu 2013 li tirrigwarda, b'mod partikolari, ir-ristrutturazzjoni tas-settur bankarju tar-Repubblika ta' Ċipru (iktar 'il quddiem id-"dikjarazzjoni kkontestata"), imposta bħala kundizzjoni għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja għall-istabbiltà mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà (iktar 'il quddiem "MES").

1 — Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

II – **Il-kuntest ġuridiku**

A – *Id-dritt primarju tal-Unjoni*

2. Skont l-Artikolu 137 TFUE, "[l]-arranġamenti għal laqgħat bejn ministri ta' dawk l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiġu stabbiliti fil-Protokoll dwar il-Grupp ta' l-euro".

3. Il-Protokoll Nru 14 dwar il-grupp tal-euro (iktar 'il quddiem il-"Protokoll Nru 14") jipprevedi:

"Artikolu 1

Il-Ministri ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jiltaqgħu informalment.

Dawn il-laqgħat għandhom iseħħu, skond il-ħtieġa, sabiex ikunu diskussi kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi li huma jaqsmu fejn tidħol il-munita unika. Il-Kummissjoni għandha tieħu sehem fil-laqgħat. Il-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkun mistieden jieħu sehem f'dawn il-laqgħat, li għandhom ikunu preparati mir-rappreżentanti tal-Ministri responsabbli għall-finanzi ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro u tal-Kummissjoni.

Artikolu 2

Il-Ministri ta' l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro għandhom jeleġġu president għal sentejn u nofs, bil-maġġoranza ta' dawk l-Istati Membri."

B – *It-Trattat MES*

4. Fit-2 ta' Frar 2012, fi Brussell (il-Belġju) ġie konkluż it-Trattat li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbiltà bejn ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tal-Estonja, l-Irlanda, ir-Repubblika Ellenika, ir-Renju ta' Spanja, ir-Repubblika Franċiża, ir-Repubblika Taljana, ir-Repubblika ta' Ċipru, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, Malta, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Portugiża, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tas-Slovakkja, ir-Repubblika tal-Finlandja (iktar 'il quddiem it-"Trattat MES"). Skont l-Artikoli 1, 2 u 32(2) tiegħu, il-partijiet kontraenti għal dan it-Trattat, jiġifieri l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro, għandhom jistabbilixxu bejniethom istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, il-MES, li għandu jkollha personalità ġuridika. Wara r-ratifikazzjoni tiegħu mill-firmatarji kollha, it-Trattat MES daħal fis-seħħ fis-27 ta' Settembru 2012.

5. Il-premessa 1 tat-Trattat MES hija redatta kif ġej:

"Fis-17 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill Ewropew qabel dwar il-ħtieġa li l-Istati Membri taż-żona tal-euro jistabbilixxu mekkaniżmu permanenti ta' stabbiltà. [Il-MES] ser jassumi l-kompiti li bħalissa huma mwettqa mill-Faċilità Ewropea ta' Stabbiltà Finanzjarja [...] u mill-Mekkaniżmu Ewropew ta' Stabbilizzazzjoni Finanzjarja ('MESF') fl-għoti, fejn ikun meħtieġ, ta' assistenza finanzjarja lill-Istati Membri taż-żona tal-euro."

6. L-Artikolu 3 tat-Trattat MES, intitolat "Għan", jipprevedi:

"L-għan tal-MES huwa l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament u l-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà taħt kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul, għall-benefiċċju tal-Membri fil-MES li jkunu għaddejjin, jew jinsabu mhedda, minn problemi serji ta' finanzjament jekk dan ikun indipensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha. Għal dan il-għan, il-MES għandu jkun intitolat jiġġenera fondi billi joħroġ strumenti finanzjarji jew billi jidħol fi ftehimiet jew arranġamenti finanzjarji jew ta' xorta oħra ma' Membri fil-MES, istituzzjonijiet finanzjarji jew partijiet terzi oħra."

7. L-Artikolu 4 tat-Trattat MES, intitolat "Struttura u regoli tal-votazzjoni", jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu, dan li ġej:

"Il-MES għandu jkollu Bord tal-Gvernaturi u Bord tad-Diretturi, kif ukoll Direttur Maniġerjali u persunal tiegħu stess ieħor li jitqies li jkun meħtieġ."

8. L-Artikolu 5 tat-Trattat MES, intitolat "Il-Bord tal-Gvernaturi", jistabbilixxi:

"1. Kull Membru fil-MES għandu jaħtar Gvernatur u sostitut Gvernatur. Dawn il-ħatriet huma revokabbli f'kull waqt. Il-Gvernatur għandu jkun membru tal-gvern ta' dak il-Membru fil-MES li jkun responsabbli għall-finanzi. Is-sostitut Gvernatur għandu jkollu setgħa sħiħa sabiex jaġixxi f'isem il-Gvernatur meta dan tal-aħħar ma jkunx preżenti.

2. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiddeċiedi li jew ikun presedut mill-President tal-Grupp tal-Euro, kif previst fil-Protokoll (Nru 14) dwar il-Grupp tal-Euro anness mat-[TUE] u mat-TFUE, jew li jeleġġi President u Viċi President minn fost il-membri tiegħu għal żmien sentejn. Il-President u l-Viċi President jistgħu jiġu rieletti. […]

3. Il-Membru tal-[Kummissjoni] inkarigat mill-affarijiet ekonomiċi u monetarji u l-President tal-BĊE, kif ukoll il-President tal-Grupp tal-Euro (jekk ma jkunx il-President jew Gvernatur), jistgħu jieħdu sehem fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bħala osservaturi.

[…]

6. Il-Bord tal-Gvernaturi għandu jieħu dawn id-deċiżjonijiet li ġejjin bi qbil reċiproku:

[…]

f) li jipprovdi sostenn għall-istabbiltà mill-MES, inkluża l-kondizzjonalità ta' politika ekonomika kif stabbilit fil-memorandum ta' qbil imsemmi fl-Artikolu 13(3) [tat-Trattat MES] u jistabbilixxi l-għażla ta' strumenti u l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet, skont l-Artikoli 12 sa 18 [tat-Trattat MES];

g) li jagħti mandat lill-[Kummissjoni] sabiex tinnegozja, f'koordinazzjoni mal-BĊE, il-kondizzjonalità ta' politika ekonomika marbuta ma' kull assistenza finanzjarja, skont l-Artikolu 13(3) [tat-Trattat MES].

[…]"

9. L-Artikolu 12 tat-Trattat MES, intitolat "Prinċipji", jiddefinixxi l-prinċipji li huwa suġġett għalihom is-sostenn għall-istabbiltà u jipprevedi fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Jekk ikun indispensabbli għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament u tal-Istati Membri tagħha, il-MES jista' jipprovdi sostenn għall-istabbiltà lil Membru fil-MES soġġett għal kondizzjonalità stretta, adegwata għall-istrument ta' assistenza finanzjarja magħżul. Tali kondizzjonalità tista' tvarja minn programm ta' aġġustament makroekonomiku sal-osservanza kontinwa ta' kondizzjonijiet prestabbiliti ta' eliġibbiltà."

10. L-Artikolu 13 tat-Trattat MES, intitolat "Proċedura għall-għoti ta' sostenn għall-istabbiltà", jipprevedi:

"1. Membru fil-MES jista' jindirizza talba għal sostenn għall-istabbiltà lill-President tal-Bord tal-Gvernaturi. Tali talba għandha tindika l-istrument jew strumenti ta' assistenza finanzjarja li għandhom jiġu kkunsidrati. Meta jirċievi tali talba, il-President tal-Bord tal-Gvernaturi għandu jinkariga lill-Kummissjoni […], f'koordinazzjoni mal-BĊE, bil-kompiti li ġejjin:

a) l-istima tal-eżistenza ta' riskju għall-istabbiltà finanzjarja taż-żona tal-euro komplessivament jew tal-Istati Membri tagħha, sakemm il-BĊE ma jkunx diġà preżenta analiżi taħt l-Artikolu 18 [tat-Trattat MES];

b) l-istima jekk id-dejn pubbliku huwiex sostenibbli. Fejn xieraq u possibbli, tali stima hija mistennija li ssir flimkien mal-[Fond Monetarju Internazzjonali (FMI)];

c) l-istima tal-ħtiġijiet attwali jew potenzjali ta' finanzjament tal-Membru konċernat fil-MES.

2. Abbażi tat-talba mill-Membru fil-MES u l-istima msemmija fil-paragrafu 1, il-Bord tal-Gvernaturi jista' jiddeċiedi li jagħti, fil-prinċipju, sostenn għall-istabbiltà lill-Membru konċernat fil-MES fil-forma ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja.

3. Jekk tiġi adottata deċiżjoni skont il-paragrafu 2, il-Bord tal-Gvernaturi għandu jiinkariga lill-Kummissjoni […] – f'koordinazzjoni mal-BĊE u, kull fejn possibbli, flimkien mal-FMI – bil-kompitu li tinnegozja mal-Membru konċernat fil-MES, memorandum ta' qbil [...] li jispeċifika f'dettal il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja. Il-kontenut tal-[memorandum ta' qbil] għandu jirrifletti s-severità tad-dgħufijiet li għandhom jiġu inidrizzati u l-forma magħżula tal-assistenza finanzjarja. Fl-istess waqt, id-Direttur Maniġerjali tal-MES għandu jħejji proposta għal ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja, inklużi l-pattijiet finanzjarji u l-kondizzjonijiet u l-għażla ta' strumenti, li għandhom jiġu adottati mill-Bord tal-Gvernaturi.

Il-[memorandum ta' qbil] għandu jkun għalkollox konsistenti mal-miżuri ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika previsti fit-TFUE, partikolarment ma' kull att fil-liġi tal-[Unjoni], inkluża kull opinjoni, twissija, rakkomandazzjoni jew deċiżjoni indirizzata lill-Membru fil-MES konċernat.

4. Il-Kummissjoni […] għandha tiffirma l-[memorandum ta' qbil] f'isem il-MES, soġġett għall-konformità minn qabel tal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 [tal-Artikolu 13 tat-Trattat MES] u l-approvazzjoni tal-Bord tal-Gvernaturi.

5. Il-Bord tad-Diretturi għandu japprova l-ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja li jkun jispeċifika f'dettal l-aspetti finanzjarji tas-sostenn għall-istabbiltà li għandu jingħata u, fejn applikabbli, il-ħlas tal-ewwel parti tal-assistenza.

[…]

7. Il-Kummissjoni […] – f'koordinazzjoni mal-BĊE u, kull fejn possibbli, flimkien mal-FMI – għandha tkun inkarigata timmonitorja l-konformità mal-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja."

C – *Il-memorandum ta' qbil tas-26 ta' April 2013*

11. Memorandum ta' qbil [Memorandum of Understanding on Specific Economic Policy Conditionality (memorandum ta' qbil dwar il-politika ta' kundizzjonalità ekonomika speċifika)] ġie ffirmat fis-26 ta' April 2013 mir-Repubblika ta' Ċipru u l-Kummissjoni Ewropea li aġixxiet f'isem l-MES [2].

12. Id-daħla tiegħu tispjega:

"Il-programm ta' aġġustament ekonomiku ser jippermetti li jiġu milqugħa l-isfidi finanzjarji, fiskali u strutturali, kemm fuq perijodu qasir kif ukoll medju, li qed tiffaċċja [r-Repubblika ta' Ċipru]. L-għanijiet essenzjali tal-programm huma:

— li terġa' tiġi stabbilita s-soliditá fis-settur bankarju Ċiprijott kif ukoll il-fiduċja tad-depożitanti u tas-suq filwaqt li ssir r-ristrutturazzjoni profonda tal-istabbilimenti finanzjarji u tnaqqis fid-daqs tagħhom, bit-tisħiħ tas-superviżjoni tagħhom u bir-rimedjar tal-insuffiċjenza tal-kapital, skont il-ftehim politiku tal-grupp tal-euro tal-25 ta' Marzu 2013;

[…]" [3].

13. Taħt l-ewwel titolu tiegħu, intitolat "Riforma tas-settur finanzjarju", il-memorandum ta' qbil jipprevedi:"1.26 It-tieni nett, [it-Trapeza Kyprou Dimosia Etaira Ltd (bank ta' Ċipru) (iktar 'il quddiem it-"Trapeza Kyprou)" [4]] ser jakkwista – permezz ta' proċedura ta' xiri u ta' assorbiment, kważi t-totalità tal-attiv Ċiprijott tas-Cyprus Popular Bank Public Co. Ltd (bank popolari ta' Ċipru) (iktar 'il quddiem il-"Laïki") [5]], għall-valur ġust tagħhom, kif ukoll d-depożiti assigurati tagħhom u l-espożizzjoni tiegħu għall-assistenza urġenti ta' likwidità, fil-valur nominali tagħhom. Id-depożiti mhux assigurati ta' [Laïki] għandhom jinżammu mill-entità ta' qabel. L-għan huwa li l-valur tal-attiv ċedut ikun superjuri għall-passiv ċedut b'mod li d-differenza tikkorrispondi għall-kapitalizzazzjoni mill-ġdid ta' [Trapeza Kyprou] mil-[Laïki] li tammonta għal 9 % tal-attiv stmat skont ir-riskji li ġew ċeduti. [It-Trapeza Kyprou] għaddiet minn kapitalizzazzjoni mill-ġdid b'mod li tilħaq, fl-aħħar tal-programm, proporzjon minimu ta' fondi proprji ta' 9 %, skont l-ipoteżi sfavorevoli ta' stress test, li għandu jikkontribwixxi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-fiduċja u jiġu nnormalizzati l-kundizzjonijiet ta' finanzjament. Il-konverżjoni ta' 37.5 % tad-depożiti mhux assigurati miżmuma fit-[Trapeza Kyprou] f'azzjonijiet ta' kategorija A, bi dritt ta' vot sħiħ u ta' drittijiet għad-dividendi, jipprovdi l-parti l-kbira tal-bżonnijiet ta' kapital, b'żieda supplimentari f'kapital proprju min-naħa tal-entità ta' qabel ta' [Laïki]. Parti mid-depożiti mhux assigurati li jifdal tat-[Trapeza Kyprou] għandha temporanjament tiġi ffriżata sakemm l-evalwazzjoni indipendenti msemmija fil-punt li jmiss tkun intemmet.

1.27 It-tielet nett, sabiex jiġi żgurat li l-għanijiet tal-kapitalizzazzjoni jintlaħqu, għandha ssir evalwazzjoni indipendenti iktar iddettaljata u aġġornata tal-attiv ta' [Trapeza Kyprou] u ta' [Laïki] skont l-eżiġenzi tal-qafas għar-riżoluzzjoni tal-banek, għall-aħħar ta' Ġunju 2013. Għal dan il-għan, it-termini ta' referenza tal-eżerċizzju ta' evalwazzjoni indipendenti għandhom ikunu miftiehma sa mhux iktar tard minn nofs April 2013, b'konsultazzjoni mal-Kummissjoni [Ewropea], il-BĊE u l-FMI. Wara din

2 — It-test kollu tal-memorandum ta' qbil jinsab bil-lingwa Ingliża fis-sit internet tal-Ministeru tal-Finanzi (Ypourgeío Oikonomikón) tar-Repubblika ta' Ċipru fl-indirizz li ġej: http://www.mof.gov.cy/mof/mof.nsf/All/B331D12F3608B009C2257D5D00239594/$file/Memorandum%20of%20Understanding%20April%202013.pdf.

3 — Traduzzjoni mhux uffiċjali.

4 — It-Trapeza Kyprou Dimosia Etaira Ltd huwa spiss imsejjaħ b'ismu jew bl-inizjali tiegħu bl-Ingliż, jiġifieri "Bank of Cyprus" jew "BoC".

5 — Qed nirreferi għall-isem Grieg tas-Cyprus Popular Bank Public Co. Ltd, "Laïki" ("popolari" bil-Grieg).

l-evalwazzjoni, għandha ssir, jekk ikun meħtieġ, konverżjoni addizzjonali tad-depożiti mhux assigurati f'azzjonijiet ta' kategorija A, b'mod li jiġi żgurat li l-għan intiż li jintlaħaq minimu ta' kapital proprju ta' 9 % f'kundizzjonijiet ta' kriżi jkun jista' jintlaħaq fl-aħħar tal-programm. Jekk [it-Trapeza Kyprou] jiġi surkapitalizzat meta mqabbel mal-mira, għandu jsir proċess ta' xiri mill-ġdid tal-azzjonijiet sabiex jiġu rrimborsati d-depożitanti tal-ammont li jikkorrispondi għas-surkapitalizzazzjoni."

D – *Id-dritt sekondarju tal-Unjoni*

14. Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/236/UE, tal-25 ta' April 2013, indirizzata lil Ċipru dwar miżuri speċifiċi għall-kisba mill-ġdid ta' stabbiltà finanzjarja u tkabbir sostenibbli[6] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni 2013/236") tipprevedi:

"Artikolu 1

1. Sabiex ikun iffaċilitat ir-ritorn tal-ekonomija Ċiprijotta lejn it-triq ta' tkabbir sostenibbli u ta' sostenibbiltà fiskali u finanzjarja, Ċipru għandu jimplimenta b'mod rigoruż programm ta' aġġustament makroekonomiku ("il-programm"), li l-elementi prinċipali tiegħu huma stabbiliti fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni […]

Artikolu 2

1. L-objettivi prinċipali tal-programm Ċiprijott għandhom ikunu: li tiġi restawrata l-pożizzjoni soda tas-settur bankarju Ċiprijott; li jitkompla l-proċess kontinwu ta' konsolidazzjoni fiskali; kif ukoll li jiġu implimentati riformi strutturali li jsostnu l-kompetittività u t-tkabbir sostenibbli u bbilanċjat.

[…]

6. Bil-għan li tiġi rrestawrata l-istabbiltà tas-settur finanzjarju tiegħu, Ċipru għandu jkompli bir-riforma u r-ristrutturazzjoni mill-qiegħ tas-settur bankarju u jsaħħaħ il-banek vijabbli billi jirrestawra l-kapital tagħhom, jindirizza s-sitwazzjoni tal-likwidità tagħhom u jsaħħaħ is-superviżjoni tagħhom. Il-programm għandu jipprevedi dawn il-miżuri u riżultati:

[…]

(d) li jittieħdu passi biex jiġi minimizzat il-kost tar-ristrutturazzjoni tal-banek għall-kontribwenti […]

[…]

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru."

6 — ĠU L 141, p. 32.

15. Il-premessa 3 tar-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2013, dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom [7] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 472/2013"), tgħid li:

"Il-konsistenza sħiħa bejn il-qafas ta' sorveljanza multilaterali tal-Unjoni stabbilit mit-TFUE u l-kundizzjonijiet ta' politika possibbli marbuta mal-assistenza finanzjarja għandhom jiġu minquxa fid-dritt tal-Unjoni. […]".

16. It-test tar-Regolament Nru 472/2013 jipprevedi:

"Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistipula d-dispożizzjonijiet għat-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro, fejn dawk l-Istati Membri:

[…]

b) jitolbu jew jirċievu assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-[EFSM], mill-[MES], mill-Faċilità Ewropew ta' Stabbiltà Finanzjarja (EFSF), jew minn xi istituzzjoni finanzjarji internazzjonali rilevanti oħra, bħalma hu l-[FMI].

[…]

Artikolu 5

Informazzjoni dwar talbiet għall-assistenza finanzjarja previsti

Stat Membru li jkun biħsiebu jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi, mill-MES, mill-EFSF jew minn instituzzjoni finanzjarja internazzjonali rilevanti oħra, bħall-FMI għandu jinforma immedjatament lill-President tal-Grupp ta' Ħidma tal-grupp tal-euro, lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u lill-President tal-BĊE bl-intenzjoni tiegħu.

Wara li jkun irċieva valutazzjoni mill-Kummissjoni, il-Grupp ta' Ħidma tal-Eurogrupp għandu jorganizza diskussjoni dwar din it-talba maħsuba, bil-ħsieb li jeżamina, fost affarijiet oħra, il-possibbilitajiet disponibbli taħt strumenti finanzjarji eżistenti tal-Unjoni jew taż-żona tal-euro qabel ma l-Istat Membru kkonċernat jindirizza lis-selliefa potenzjali.

Stat Membru li jkun biħsiebu jitlob assistenza finanzjarja mill-EFSM għandu jinforma immedjatament lill-President tal-KEF, lill-membru tal-Kummissjoni responsabbli għall-affarijiet ekonomiċi u Monetarji u lill-President tal-BĊE bl-intenzjoni tiegħu.

7 — ĠU L 141, p. 1. Flimkien mar-Regolament (UE) Nru 473/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' Mejju 2013, dwar dispożizzjonijiet komuni għall-monitoraġġ u l-valutazzjoni tal-abbozzi tal-pjani baġitarji u l-iżgurar tal-korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro (ĠU L 140, p. 11), ir-Regolament Nru 472/2013 huwa parti mir-riforma msejħa "two-pack" intiża sabiex issaħħaħ l-integrazzjoni ekonomika u l-konverġenza bejn l-Istati Membri taż-żona tal-euro.

Artikolu 6

L-evalwazzjoni tas-sostenibilità tad-dejn tal-gvern

Fejn Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja mill-EFSM, mill-MES jew mill-EFSF, il-Kummissjoni għandha tivvaluta, b'koordinazzjoni mal-BĊE u kull fejn possibbli, mal-FMI, is-sostenibilità tad-dejn tal-gvern ta' dak l-Istat Membru u l-ħtiġijiet finanzjarji proprji jew potenzjali tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dik il-valutazzjoni lill-Grupp ta' Ħidma tal-grupp tal-euro jekk l-assistenza finanzjarja għandha tingħata skont il-MES jew l-EFSF, u lill-KEF jekk l-assistenza finanzjarja għandha tingħata skont l-EFSM.

[…]

Artikolu 7

Programm ta' aġġustament makroekonomiku

1. Fejn Stat Membru jitlob assistenza finanzjarja minn Stat Membru wieħed jew diversi Stati Membri oħra jew minn pajjiżi terzi, mill-EFSM, mill-MES, mill-EFSF jew mill-FMI huwa għandu jipprepara bi qbil mal-Kummissjoni, li taġixxi b'koordinazzjoni mal-BĊE u, meta jkun xieraq, mal-FMI, abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku li għandu jibni fuq u jissostitwixxi kwalunkwe programm ta' sħubija ekonomika skont ir-Regolament (UE) Nru 473/2013 u li għandu wkoll jinkludi miri baġitarji annwali.

[…]

L-abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għandu josserva bis-sħiħ l-Artikolu 152 [tat-Trattat FUE] u l-Artikolu 28 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Kummissjoni għandha tinforma bil-fomm lill-President u l-Viċi President tal-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew dwar il-progress li sar fit-tħejjija tal-abbozz tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trattata bħala kunfidenzjali.

2. Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu japprova l-programm ta' aġġustament makroekonomiku mħejji mill-Istat Membru li jitlob għal assistenza finanzjarja skont il-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-memorandum ta' ftehim iffirmat mill-Kummissjoni f'isem il-MES jew l-EFSF ikun għalkollox konsistenti mal-programm ta' aġġustament makroekonomiku approvat mill-Kunsill.

[…]

Artikolu 15

Votazzjoni fil-Kunsill

Għall-miżuri msemmija f'dan ir-Regolament, għandhom jivvotaw biss il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw l-Istati Membri li l-munita tagħhom tkun l-euro u l-Kunsill għandu jaġixxi mingħajr ma jqis il-vot tal-membru tal-Kunsill li jirrappreżenta l-Istat Membru kkonċernat.

Maġġoranza kkwalifikata tal-membri tal-Kunsill imsemmija fl-ewwel paragrafu għandha tiġi kkalkulata skont l-Artikolu 238(3)(a) [tat-Trattat FUE].

Artikolu 16

Applikazzjoni lil Stati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja

L-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja fi 30 ta' Mejju 2013 għandhom ikunu suġġetti għal dan ir-Regolament minn dik id-data.

[…]"

17. Id-Deċiżjoni 2013/236 ġiet imħassra u ssostitwita permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/463/UE, tat-13 ta' Settembru 2013, dwar l-approvazzjoni ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku għal Ċipru u li tħassar id-Deċiżjoni 2013/236/UE [8] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2013/463").

18. Il-premessa 6 tagħha hija redatta kif ġej:

"Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 472/2013 programm ta' aġġustament makroekonomiku issa għandu jiġi adottat fil-forma ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kunsill. Fl-interess taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, il-programm għandu jkun adottat mill-ġdid fuq il-bażi tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) Nru 472/2013. Is-sustanza tal-programm għandha tibqa' identika għal dik approvata bid-[Deċiżjoni 2013/236], iżda għandhom jiġu inkorporati wkoll ir-riżultati tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 1(2) ta' dik id-Deċiżjoni. Fl-istess ħin, id-[Deċiżjoni 2013/236] għandha tiġi revokata."

19. L-Artikolu 2(5) ta' din id-deċiżjoni jipprevedi li:

"Bil-għan li tiġi rrestawrata s-soliditá tas-settur finanzjarju tiegħu, Ċipru għandu jkompli bir-riforma u r-ristrutturar mill-qiegħ tas-settur bankarju u jsaħħaħ il-banek vijabbli billi jirrestawra l-kapital tagħhom, jindirizza s-sitwazzjoni tal-likwidità tagħhom u jsaħħaħ is-superviżjoni tagħhom. Il-programm għandu jipprevedi l-miżuri u r-riżultati li ġejjin:

[…]

(c) li jittieħdu passi biex jiġi minimizzat il-kost tar-ristrutturar tal-banek li jiġġarrab mill-kontribwenti […]"

III – **Il-fatti li wasslu għall-kawża**

20. Mis-sena 2012, ir-Repubblika ta' Ċipru kienet progressivament suġġetta għal pressjoni dejjem tikber tas-swieq finanzjarji, fi sfond ta' żieda ta' tħassib dwar il-vijabbiltà tal-finanzi pubbliċi tagħha, b'mod partikolari dwar l-għajnuna pubblika sinjifikattiva mitluba mis-settur finanzjarju tagħha li ddgħajjef.

21. Fost tnaqqis konsekuttiv fil-klassifikazzjoni, mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu tal-bonds sovrani Ċiprijotti, ir-Repubblika ta' Ċipru ma baqgħatx f'pożizzjoni li tiffinanzja lilha nnifisha mill-ġdid b'rati kompatibbli ma' sostenibbiltà fiskali għat-tul. Fl-istess waqt, is-settur bankarju kien qed jinqata' dejjem iktar mill-finanzjament tas-swieq internazzjonali u diversi istituzzjonijiet finanzjarji kbar irreġistraw telf kapitali sostanzjali.

8 — ĠU L 250, p. 40.

22. Mill-ewwel xhur tas-sena 2012, ċerti banek stabbiliti f'Ċipru, fosthom il-Laïki u t-Trapeza Kyprou, iltaqgħu ma' diffikultajiet finanzjarji. Ir-Repubblika ta' Ċipru għalhekk iddeċidiet li kienet meħtieġa r-rikapitalizzazzjoni tagħhom.

23. Fil-25 ta' Ġunju 2012, fl-isfond ta' dawn id-disturbi ekonomiċi u finanzjarji gravi, l-awtoritajiet Ċiprijotti talbu uffiċjalment lill-President tal-grupp tal-euro assistenza finanzjarja fil-forma ta' self mill-EFSF/MES, kif ukoll mill-FMI, bil-għan li tingħata għajnuna biex l-ekonomija ta' Ċipru terġa' lura għat-triq li twassal għal tkabbir sostenibbli, biex b'hekk tiġi żgurata sistema bankarja li tiffunzjona sewwa u li tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà finanzjarja fl-Unjoni Ewropea u fiż-żona tal-euro.

24. Fis-27 ta' Ġunju 2012, il-grupp tal-euro stieden lill-Kummissjoni, f'kollaborazzjoni mal-BĊE, mal-awtoritajiet Ċiprijotti u mal-FMI biex jaqblu dwar programm ta' aġġustament makroekonomiku għar-Repubblika ta' Ċipru, inklużi l-ħtiġijiet ta' finanzjament ta' din tal-aħħar, u li tittieħed l-azzjoni xierqa għas-salvagwardja tal-istabbiltà finanzjarja attwali fl-ambjent diffiċli ħafna fejn hemm riskju ta' riperkussjonijiet tas-suq tad-dejn tal-Gvern.

25. Ir-Repubblika ta' Ċipru u l-Istati Membri l-oħra li l-munita tagħhom hija l-euro waslu għal ftehim politiku dwar abbozz ta' memorandum ta' qbil fix-xahar ta' Marzu tal-2013.

26. Permezz ta' dikjarazzjoni tas-16 ta' Marzu 2013, il-grupp tal-euro laqa' dan il-ftehim u semma ċerti miżuri ta' aġġustament previsti, fosthom l-istabbiliment ta' taxxa fuq id-depożiti bankarji. Il-grupp tal-euro indika li, fid-dawl ta' dan il-kuntest, l-għoti ta' assistenza finanzjarja li tista' tiżgura l-istabbiltà finanzjarja tar-Repubblika ta' Ċipru u taż-żona tal-euro kien, bħala prinċipju, ġġustifikat u stieden lill-partijiet ikkonċernati sabiex iħaffu n-negozjati pendenti.

27. Fit-18 ta' Marzu 2013, ir-Repubblika ta' Ċipru ordnat l-għeluq tal-banek fid-19 u fl-20 ta' Marzu 2013. Permezz ta' dikjarazzjoni tal-istess ġurnata, il-president tal-grupp tal-euro indika li t-taxxa fuq id-depożiti bankarji, flimkien mal-assistenza finanzjarja mitluba, ser jintużaw sabiex tiġi rrestawrata l-vijabbiltà tas-settur bankarju Ċiprijott u, għalhekk, l-istabbiltà finanzjarja tar-Repubblika ta' Ċipru. Madankollu, huwa indika li l-grupp tal-euro kien tal-opinjoni li d-depożiti ż-żgħar kellhom jibbenefikaw minn trattament differenti minn dak tad-depożiti l-kbar, billi enfasizza l-importanza li jiġu assigurati b'mod sħiħ id-depożiti ta' taħt l-ammont ta' EUR 100 000. Fl-aħħar nett, il-president tal-grupp tal-euro, f'isem dan tal-aħħar, inkoraġġixxa lill-awtoritajiet Ċiprijotti sabiex jimplementaw malajr il-miżuri maqbula.

28. L-awtoritajiet Ċiprijotti ddeċidew li jestendu l-għeluq tal-banek sat-28 ta' Marzu 2013 bil-għan li tiġi evitata ġirja għall-iżbank.

29. Fid-19 ta' Marzu 2013, il-Parlament Ċiprijott ma approvax l-abbozz tal-liġi tal-Gvern Ċiprijott dwar il-ħolqien ta' taxxa fuq id-depożiti bankarji kollha tar-Repubblika ta' Ċipru. Fit-22 ta' Marzu 2013, huwa adotta liġi ġdida dwar ir-riorganizzazzjoni ta' stabbilimenti ta' kreditu.

30. Fil-25 ta' Marzu 2013, il-grupp tal-euro ħabbar id-dikjarazzjoni kkontestata [9], li tgħid li:

"Il-grupp tal-euro kkonkluda ftehim mal-awtoritajiet Ċiprijotti dwar l-elementi essenzjali ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku futur. Dan il-programm igawdi mill-appoġġ tal-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro kif ukoll ta' tliet istituzzjonijiet.

[…]

9 — It-test sħiħ tad-dikjarazzjoni kkontestata hija disponibbli biss bl-Ingliż fuq is-siti internet tal-Kummissjoni (http://ec.europa.eu/spain/pdf/acuerdo-eurogrupo-chipre.pdf) u tal-Kunsill (http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/ecofin/136487.pdf).

Il-grupp tal-euro jirrikonoxxi l-pjanijiet ta' ristrutturazzjoni tas-settur finanzjarju msemmija fl-anness. Dawn il-miżuri ser iservu bħala bażi għar-ristrutturazzjoni tal-vijabbilità tas-settur finanzjarju. B'mod partikolari, huma jiggarantixxu d-depożiti kollha ta' inqas minn EUR 100 000, skont il-prinċipji tal-Unjoni.

[…]

Il-grupp tal-euro jitlob lill-awtoritajiet Ċiprijotti u lill-Kummissjoni, sabiex flimkien mal-BĊE u mal-FMI, jikkonkludu l-memorandum ta' qbil fil-livell tas-servizzi kkonċernati għall-bidu [tax-xahar ta'] April.

[…]

Il-grupp tal-euro jieħu konjizzjoni tad-deċiżjoni tal-awtoritajiet li jimplementaw miżuri amministrattivi xierqa fid-dawl tas-sitwazzjoni unika u eċċezzjonali li qed jiffaċċja s-settur finanzjarju Ċiprijott u li jiżguraw ftuħ mill-ġdid malajr tal-banek. Il-grupp tal-euro jenfasizza li l-miżuri amministrattivi ser ikunu temporanji, proporzjonati u nondiskriminatorji u li ser ikunu s-suġġett ta' sorveljanza rigoruża, fir-rigward tal-portata u tat-tul tagħhom, skont it-Trattat.

[…]

Il-grupp tal-euro jistenna li l-Bord tal-Gvernaturi tal-MES ikun f'pożizzjoni li jagħti l-approvazzjoni formali tiegħu għall-proposta ta' għoti ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja għat-tielet ġimgħa ta' April 2013, bil-kundizzjoni li jitlestew il-proċeduri nazzjonali."

31. L-anness tad-dikjarazzjoni kkontestata huwa redatt kif ġej:

"Wara preżentazzjoni tal-abbozzi politiċi tal-awtoritajiet [tar-Repubblika ta' Ċipru], li fil-maġġoranza tagħhom intlaqgħu mill-grupp tal-euro, intlaħaq ftehim fuq dan li ġej:

1. Il-Laïki għandu jingħalaq immedjatament – b'kontribuzzjoni sħiħa tal-azzjonisti, tad-detenturi tal-bonds u tad-depożitanti mhux assigurati – skont riżoluzzjoni tal-Bank Ċentrali Ċiprijott [(iktar 'il quddiem il-"BĊĊ")] bl-użu tal-qafas ta' riżoluzzjoni bankarja li għadha kif ġiet adottata.

2. Il-Laïki għandu jiġi diviż fi struttura ta' trasferiment ta' assi u f'bank riorganizzat. L-istruttura ta' trasferiment ta' assi għandha tispiċċa progressivament.

3. Il-bank riorganizzat għandu jiġi integrat fit-[Trapeza Kyprou] bl-għajnuna tal-qafas ta' riżoluzzjoni bankarja u wara konsultazzjoni mal-Bordijiet tad-Diretturi tat-[Trapeza Kyprou] u tal-Laïki. Huwa ser jipprovdi [għajnuna ta' urġenza f'każ ta' kriżi ta' likwidità (ELA)] li tammonta għal EUR [disa'] biljuni. Huma biss id-depożiti mhux assigurati tat-[Trapeza Kyprou] li ser jibqgħu ffriżati sa meta tkun saret ir-rikapitalizzazzjoni u sussegwentement ikunu jistgħu jiġu ssuġġettati għal kundizzjonijiet adegwati.

4. Il-Bord tal-Gvernaturi tal-BĊE għandu jipprovdi likwiditajiet lit-[Trapeza Kyprou] filwaqt li josserva r-regoli applikabbli.

5. It-[Trapeza Kyprou] għandu jiġi rrikapitalizzat permezz ta' konverżjoni tad-depożiti mhux assigurati f'fondi proprji b'kontribuzzjoni sħiħa tal-azzjonisti u tad-detenturi tal-bonds.

6. Il-konverżjoni għandha ssir b'mod li tiżgura perċentwali mill-kapital ta 9 % fl-aħħar tal-programm.

7. Id-detenturi kollha tad-depożiti assigurati fil-banek kollha għandhom jibbenefikaw minn protezzjoni totali skont il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-[Unjoni].

8. Il-baġit tal-programm (sa EUR [għaxar] biljuni) mhux ser iservi sabiex jiġu rrikapitalizzati l-Laïki jew it-[Trapeza Kyprou]."

32. Fl-istess jum, il-Gvernatur tal-BĊĊ issuġġetta lit-Trapeza Kyprou u lill-Laïki għal proċedura ta' riorganizzazzjoni.

33. Fid-29 ta' Marzu 2013, ġew ippubblikati żewġ digrieti għal dan il-għan [10].

34. Id-Digriet Nru 103 kien jipprevedi rikapitalizzazzjoni tat-Trapeza Kyprou, li l-ispejjeż tagħha kellhom jiġu sostnuti, b'mod partikolari, mill-azzjonisti tagħha, mill-kredituri obbligatorji tagħha u mid-depożitanti mhux assigurati tagħha fir-rigward tal-ammonti li jaqbżu l-EUR 100 000 [11].

35. Fir-rigward tad-Digriet Nru 104, dan kien jipprevedi t-trasferiment ta' ċerti elementi tal-attiv u tal-passiv tal-Laïki lit-Traperza Kyprou, inklużi d-depożiti ta' inqas minn EUR 100 000. Id-depożiti ta' iktar minn EUR 100 000 baqgħu miżmuma mil-Laïki, sakemm isir l-istralċ ta' din tal-aħħar.

36. Skont dawn id-digrieti, il-miżuri ta' riorganizzazzjoni tal-Laïki u tat-Trapeza Kyprou ġew implementati fid-29 ta' Marzu 2013 bejn is-6:00 u 6:10 ta' filgħodu. Sa dak il-ħin, Mallis *et* kienu detenturi ta' depożiti fi ħdan it-Trapeza Kyprou jew il-Laïki, li permezz tal-miżuri previsti bl-imsemmija digrieti, kellhom tnaqqis sostanzjali fil-valur tagħhom. Mallis *et* isostnu li tilfu dak kollu li kien jaqbeż l-EUR 100 000.

37. Wara l-adozzjoni tad-Digrieti Nri 103 u 104, il-Kummissjoni bdiet diskussjonijiet ġodda mal-awtoritajiet Ċiprijotti bil-għan li jiġi ffinalizzat memorandum ta' qbil.

38. Waqt il-laqgħa tiegħu tal-24 ta' April 2013, il-Bord tal-Gvernaturi tal-MES:

— ikkonferma, minn naħa, li l-Kummissjoni u l-BĊE ġew inkarigati jwettqu l-evalwazzjonijiet previsti fl-Artikolu 13(1) tat-Trattat MES u, min-naħa l-oħra, li l-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE u mal-FMI, ġiet inkarigata tinnegozja l-memorandum ta' qbil mar-Repubblika ta' Ċipru;

— iddeċieda li jagħti, fil-prinċipju, sostenn għall-istabbiltà lir-Repubblika ta' Ċipru fil-forma ta' faċilità ta' assistenza finanzjarja (FAF), b'mod konformi mal-proposta tad-Direttur Maniġerjali tal-MES;

— approva l-abbozz tal-memorandum ta' qbil innegozjat mill-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE u l-FMI, u r-Repubblika ta' Ċipru; u

— inkariga lill-Kummissjoni tiffirma dan il-memorandum għan-nom tal-MES.

39. Fil-25 ta' April 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/236 li, fl-Artikolu 2(6)(d) tagħha kienet tipprevedi li l-"bail-in" tal-banek Ċiprijotti kienet tifforma parti mill-programm ta' aġġustament makroekonomiku tar-Repubblika ta' Ċipru.

40. Il-memorandum ta' qbil ġie ffirmat fis-26 ta' April 2013 mill-Ministru tal-Finanzi tar-Repubblika ta' Ċipru, mill-Gvernatur tal-BĊĊ u minn O. Rehn, Viċi President tal-Kummissjoni.

10 — Dawn huma t-To peri diasosis me idia mesa tis Trapezas Kyprou Dimosias Etaireias Ltd Diatagma tou 2013, Kanonistiki Dioikitiki Praxi No. 103 [digriet tal-2013 dwar ir-riorganizzazzjoni permezz ta' mezzi proprji tat-Trapeza Kyprou, att amministrattiv leġiżlattiv Nru 103 (Digriet Nru 103), EE, Anness III(I), Nru 4645, 29 ta' Marzu 2013, p. 769 sa 780], u t-To Peri tis Polisis Orismenon Ergasion tis Cyprus Popular Bank Public Co Ltd Diatagma tou 2013, Kanonistiki Dioikitiki Praxi No. 104 [digriet tal-2013 dwar il-bejgħ ta' ċerti attivitajiet tal-Laïki, att amministrattiv leġiżlattiv Nru 104 (Digriet Nru 104), EE, Anness III(I), Nru 4645, 29 ta' Marzu 2013, p. 781 sa 788].

11 — Din il-proċedura ta' riorganizzazzjoni hija spiss imsejħa "haircut" (tnaqqis) ta' depożiti bankarji jew "bail-in" tal-banek Ċiprijotti. It-terminu "bail-out" ifisser operazzjoni ta' salvataġġ li fiha r-responsabbiltà tinġarr minn investituri esterni jew mill-kontribwent. It-terminu "bail-in", għall-kuntrarju, ifisser operazzjoni ta' salvataġġ li fiha l-kredituri tal-bank huma obbligati jaċċettaw il-kanċellament ta' parti mill-kreditu tagħhom.

41. Fit-8 ta' Mejju 2013, il-Bord tad-Diretturi tal-MES approva l-ftehim relatat mal-FAF kif ukoll proposta dwar il-modalitajiet tal-ħlas tal-ewwel parti tal-għajnuna lir-Repubblika ta' Ċipru. Din il-parti ġiet diviża f'żewġ ħlasijiet imwettqa, rispettivament, fit-13 ta' Mejju 2013, fl-ammont ta' EUR 2 biljuni, u fis-26 ta' Ġunju 2013, fl-ammont ta' EUR 1 biljun. It-tieni parti tal-għajnuna, fl-ammont ta' EUR 1.5 biljun, tħallset fis-27 ta' Settembru 2013. Partijiet oħra minn EUR 100 sa 600 miljuni tħallsu bejn ix-xahar ta' Diċembru 2013 u x-xahar ta' Lulju 2015.

42. Il-Kunsill adotta r-Regolament Nru 472/2013 fil-21 ta' Mejju 2013 li abbażi tiegħu d-Deċiżjoni 2013/236 ġiet imħassra u issostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni 2013/463.

IV – **Ir-rikorsi quddiem il-Qorti Ġenerali u d-digrieti appellati**

43. Permezz ta' rikorsi ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-4 ta' Ġunju 2013, Mallis *et* ippreżentaw tliet rikorsi intiżi sabiex:

— tiġi annullata d-dikjarazzjoni kkontestata, "li kisbet il-forma definittiva tagħha permezz tad-[Digriet Nru 104] tal-Gvernatur tal-[BĊĊ], li qed jaġixxi fil-kwalità tiegħu ta' rappreżentant tas-[Sistema Ewropea tal-banek ċentrali], li permezz tagħha ġie deċiż 'il-bejgħ ta' ċerti attivitajiet tal-[Laïki]' u li tikkostitwixxi essenzjalment deċiżjoni komuni tal-[BĊE] kif ukoll tal-Kummissjoni";

— sussidjarjament, jiġi ddikjarat li, indipendentement mill-forma u mit-tip tagħha, id-dikjarazzjoni kkontestata tikkostitwixxi, essenzjalment, "deċiżjoni komuni tal-[BĊE] u/jew tal-Kummissjoni";

— iktar sussidjarjament, tiġi annullata d-dikjarazzjoni kkontestata, "indipendentament mill-forma u mit-tip tagħha";

— iktar sussidjarjament, "tiġi annullata d-deċiżjoni komuni tal-[BĊE] u/jew tal-Kummissjoni […] adottata permezz tal-grupp tal-euro, indipendentament mill-forma u mit-tip tagħha"; u

— tikkundanna lill-BĊE u/jew lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

44. Permezz ta' atti separati, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, fl-1 u fid-9 ta' Ottubru 2013 rispettivament, il-Kummissjoni u l-BĊE invokaw eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà skont l-Artikolu 114 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali. Huma talbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

— tikkundanna lil Mallis *et* għall-ispejjeż.

45. Permezz tad-digrieti appellati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi kollha kemm huma bħala inammissibbli.

46. Peress li Mallis *et* talbu l-annullament tad-dikjarazzjoni tal-grupp tal-euro tal-25 ta' Marzu 2013 iżda ppreżentaw ir-rikorsi tagħhom kontra l-Kummissjoni u l-BĊE (fatt li ġie kkonfermat fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom) [12], il-Qorti Ġenerali, qabelxejn, eżaminat, fil-punti 38 sa 50 tad-digrieti appellati, il-kwistjoni dwar jekk id-dikjarazzjoni kkontestata setgħetx tiġi imputata lill-Kummissjoni u lill-BĊE.

12 — Ara l-punt 37 tad-digrieti appellati.

47. Filwaqt li bbażat ruħha fuq il-Protokoll Nru 14 li jipprevedi li l-grupp tal-euro huwa laqgħa informali tal-Ministri tal-Istati Membri taż-żona tal-euro "sabiex ikunu diskussi kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi li huma jaqsmu fejn tidħol il-munita unika" [13], il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fil-punt 44 tad-digrieti appellati, li ma kienx "possibbli li jitqies li l-grupp tal-euro [kien] [i]kkontrollat mill-Kummissjoni jew mill-BĊE, u lanqas li dan [aġixxa] bħala mandatarju ta' dawn l-istituzzjonijiet" [14].

48. Fil-punti 46 sa 50 tad-digrieti appellati, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ukoll l-idea li d-dikjarazzjoni kkontestata setgħet tiġi imputata lill-MES għaliex din tal-aħħar kienet allegatament ikkontrollata mill-Kummissjoni u mill-BĊE.

49. Il-Qorti Ġenerali eżaminat ukoll, għall-finijiet ta' kompletezza, fil-punti 51 sa 62 tad-digrieti appellati, il-kwistjoni dwar jekk id-dikjarazzjoni kkontestata kinitx tipproduċi effetti ġuridiċi fil-konfront ta' terzi.

50. F'dan ir-rigward hija ddeċidiet li, anki jekk id-dikjarazzjoni kkontestata tinkludi formulazzjonijiet li jistgħu jidhru kategoriċi, b'mod partikolari dawk li jirrigwardaw l-għeluq tal-Laïki u t-tnaqqis tal-valur tad-depożiti bankarji mhux assigurati, din ma tistax tinqara b'mod iżolat, iżda għandha, "għall-kuntrarju, [titpoġġa] fil-kuntest tagħh[a], li juri b'mod ċar il-kontenut purament informattiv tad-dikjarazzjoni kkontestata" [15].

V – **Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

51. Permezz tal-appelli tagħhom tas-27 ta' Frar 2015, ippreżentati fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Marzu 2015, Mallis *et* jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tannulla d-digrieti appellati, u

— tannulla l-kundanna tagħhom għall-ispejjeż fl-ewwel istanza.

52. Permezz tar-risposti tagħhom, il-Kummissjoni u l-BĊE jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appelli, u

— tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż kollha.

VI – **L-appelli**

53. Qabel xejn niddikjara li ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiċħad l-appelli inkwistjoni iżda l-importanza tal-kwistjonijiet imqajma għall-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ir-relazzjoni tagħhom mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [sentenzi Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756) u Gauweiler *et* (C-62/14, EU:C:2015:400)], ir-relazzjoni (jew in-nuqqas ta' rabta) bejn is-sistema tal-MES u tad-dritt tal-Unjoni kif ukoll id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja li tiddeċiedi dawn l-appelli permezz ta' sentenza (inċidentalment bħall-appelli fil-Kawżi magħquda C-8/15 P, C-9/15 P u C-10/15 P dwar rikorsi għal annullament u għad-danni marbuta mal-memorandum ta' qbil) u li dawn jingħataw lill-Awla Manja jħajruni sabiex nagħmel xi osservazzjonijiet preliminari qabel nibda neżamina l-aggravji mqajma minn Mallis *et*.

13 — Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 14.

14 — Punt 44 tad-digrieti appellati.

15 — Punt 61 tad-digrieti appellati.

A – *Osservazzjonijiet preliminari*

1. Fuq il-grupp tal-euro

54. Peress li l-grupp tal-euro ma jissemmix fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE u ma huwiex wieħed mis-seba' istituzzjonijiet tal-Unjoni li jinsabu fl-Artikolu 13(1) TUE, l-atti tiegħu ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament ħlief jekk il-grupp tal-euro jista' jitqies bħala formazzjoni tal-Kunsill jew korp jew organu tal-Unjoni.

55. Il-grupp tal-euro jissemma espliċitament fl-Artikolu 137 TFUE, li, f'dak li jirrigwarda l-kompożizzjoni u l-modalitajiet tal-laqgħat tiegħu, jagħmel riferimenti għall-Protokoll Nru 14 anness mat-Trattat FUE.

56. Minn dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta b'mod ċar li l-grupp tal-euro huwa kompost mill-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri taż-żona tal-euro, u li fil-laqgħat tiegħu l-Kummissjoni u l-BĊE huma mistiedna jipparteċipaw.

57. Il-Protokoll Nru 14 jipprevedi li dawn il-Ministri "għandhom jiltaqgħu informalment" u li "jeleġġu president għal sentejn u nofs".

58. L-Artikolu 16(6) TUE jipprevedi, barra minn hekk, li l-Kunsill jiltaqa' f'formazzjonijiet differenti, li l-lista tagħhom hija adottata mill-Kunsill Ewropew skont l-Artikolu 236(a) TFUE. Skont din il-lista stabbilita fl-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill [16], il-Kunsill jiltaqa' f'għaxar formazzjonijiet differenti [17], u l-grupp tal-euro ma huwiex parti minnhom.

59. Tista' tinstab rabta bejn il-grupp tal-euro u l-Kunsill bil-fatt li l-grupp tal-euro normalment jiltaqa' darba fix-xahar, il-ġurnata ta' qabel is-sessjoni tal-Kumitat "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji" [18] u li l-uffiċċju tal-President tal-grupp ta' ħidma tal-grupp tal-euro [19] jinsab fis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill fi Brussell [20].

60. Barra minn hekk, it-Trattat FUE jipprevedi modalità partikolari ta' vot tal-Kunsill fuq il-miżuri li jikkonċernaw l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro. Fil-fatt, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 136(2) tipprevedi li "[g]ħal dawk il-miżuri [...] għandhom jieħdu sehem fil-vot biss il-membri tal-Kunsill li jirrappreżentaw Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro", ħaġa li turi li l-Istati Membri li l-munita tagħhom ma hijiex l-euro ma jipparteċipawx fil-laqgħat tal-grupp tal-euro.

61. Minkejja dawn il-punti ta' kuntatt, jiena naħseb li l-grupp tal-euro ma huwiex formazzjoni tal-Kunsill, mhux biss għaliex it-Trattat FUE ma jagħtihx din il-kwalifikazzjoni u għaliex huwa ma jlaqqax l-Istati Membri kollha tal-Unjoni, iżda wkoll minħabba l-funzjonijiet differenti li ngħataw rispettivament. Il-grupp tal-euro huwa l-forum li fih l-Istati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro jiddiskutu "kwistjonijiet marbuta mar-responsabilitajiet speċifiċi li huma jaqsmu fejn tidħol il-munita unika" [21], filwaqt li, kif jipprevedi l-Artikolu 16(1) TUE, il-funzjonijiet tal-Kunsill huma ħafna iktar wiesa' u jinkludu b'mod partikolari, l-eżerċizzju, flimkien mal-Parlament, tas-setgħa leġiżlattiva tal-Unjoni u setgħat ta' deċiżjoni oħra mogħtija biss lill-Kunsill bit-Trattat FUE.

16 — Ara d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/937/UE, tal-1 ta' Diċembru 2009, li temenda r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325, p. 35).

17 — Affarijiet ġenerali; affarijiet barranin; affarijiet ekonomiċi u finanzjarji; ġustizzja u affarijiet interni; impjiegi, politika soċjali, saħħa u affarijiet tal-konsumatur; kompetittività (suq intern, industrija, riċerka u l-ispazju); trasport, telekomunikazzjonijiet u enerġija; agrikoltura u sajd; ambjent; edukazzjoni, żgħażagħ u kultura u sport.

18 — Ara s-sit internet tal-Kunsill fl-indirizz li ġej: http://www.consilium.europa.eu/fr/council-eu/eurogroup/.

19 — Il-grupp ta' ħidma tal-grupp tal-euro huwa istanza preparatorja tal-laqgħat tal-grupp tal-euro li jinkludi lir-rappreżentanti, fi ħdan il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, tal-Istati Membri li huma parti miż-żona tal-euro, il-Kummissjoni u l-BĊE.

20 — Ara s-sit internet tal-Kunsill fl-indirizz li ġej: http://www.consilium.europa.eu/fr/council-eu/eurogroup/eurogroup-working-group/.

21 — Artikolu 1 tal-Protokoll Nru 14.

62. Minkejja dan, il-fatt li l-grupp tal-euro ma jistax jitqies bħala formazzjoni tal-Kunsill ma timplikax awtomatikament il-fatt li ma huwiex korp jew organu tal-Unjoni fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

63. Madankollu, għalkemm, bit-Trattat ta' Lisbona, l-atti ta' "korpi jew organi ta' l-Unjoni" żdiedu mal-atti li jistgħu jiġu annullati, u dan sabiex jiġi evitat li wħud minnhom jibbenefikaw minn immunità ġudizzjarja, jirriżulta li l-grupp tal-euro, li ma jissemmix fl-Artikolu 263 TFUE, ma għandux personalità ġuridika.

64. Ma hemm xejn fit-Trattat FUE u lanqas fil-ġurisprudenza li jippermetti li jiġi konkluż li l-awturi tat-Trattat FUE kellhom l-intenzjoni li jirrinunzjaw għal dan ir-rekwiżit [22]. Kull darba li t-Trattat FUE ried jagħmel l-Artikolu 263 TFUE applikabbli mingħajr ma jirrikjedi l-personalità ġuridika, huwa espressament iċċita l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi inkwistjoni, kemm jekk kien il-Kunsill Ewropew (miżjud bit-Trattat ta' Lisbona) jew il-Kumitat tar-Reġjuni [23].

65. Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li dawn l-atti jiġu imputati lil istituzzjoni ċċitata fl-Artikolu 263 TFUE, lil korp jew organu tal-Unjoni li għandu l-personalità ġuridika, jiena għalhekk ma naħsibx li l-grupp tal-euro jista' jitqies bħala korp jew organu tal-Unjoni fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

66. Ċertament, din il-konklużjoni tista' tqajjem problema fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva [24] iżda biss li kieku l-grupp tal-euro ingħata fit-Trattat is-setgħa li jadotta atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti fir-rigward ta' terzi, li ma huwiex il-każ, peress li l-grupp tal-euro huwa forum ta' diskussjoni u mhux korp deċiżjonali. Din il-karatteristika timplika barra minn hekk il-fatt li l-parteċipazzjoni tal-BĊE fil-laqgħat tal-grupp tal-euro ma hijiex kuntrarja għall-indipendenza tiegħu żgurata bl-Artikolu 282(3) TFUE, li l-istituzzjonijiet, il-korpi u l-organi tal-Unjoni kif ukoll il-Gvernijiet tal-Istati Membri għandhom josservaw.

67. Konsegwentement, l-atti tal-grupp tal-euro ma humiex annullabbli abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.

2. Fuq l-MES u l-Bord tal-Gvernaturi tiegħu

68. It-Trattat MES ma huwiex parti mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Fil-fatt, kif il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet fil-punt 180 tas-sentenza Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756), "l-Istati Membri ma jimplementawx id-dritt tal-Unjoni […] meta jistabbilixxu mekkaniżmu ta' stabbiltà bħall-MES li fir-rigward tiegħu […] it-Trattati UE u FUE ma jattribwixxu ebda kompetenza speċifika lill-Unjoni" [25].

69. Skont l-Artikolu 4(1) tat-Trattat MES, l-MES għandu Bord tal-Gvernaturi (fir-realtà, il-Ministri tal-Finanzi tal-Istati Membri tal-MES, kif jispeċifika l-Artikolu 5(1) tat-Trattat MES), Bord tad-Diretturi u Direttur Maniġerjali, iżda l-korp suprem tat-tmexxija tiegħu huwa evidentement il-Bord tal-Gvernaturi.

70. Il-President tal-Bord tal-Gvernaturi huwa bħala regola l-President tal-grupp tal-euro (Artikolu 5(2) tat-Trattat MES).

22 — Ara s-sentenza Elitaliana vs Eulex Kosovo (C-439/13 P, EU:C:2015:753, punti 58 u 59).

23 — Nirrimarka li l-Qorti tal-Awdituri ma hijiex iċċitata fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE minkejja li hija, kif previst fl-Artikolu 13(1) TUE, istituzzjoni tal-Unjoni u mhux biss korp jew organu tagħha. Il-kwistjoni dwar jekk l-istituzzjonijiet għandhomx *a fortiori* jiġu kkunsidrati bħala korpi jew organi tal-Unjoni jew jekk din il-lakuna hijiex żball jew l-espressjoni tal-fatt li l-attijiet ma għandhomx ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament għad ma ġietx diskussa.

24 — Ara, f'dan is-sens, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jääskinen fil-Kawża Elitaliana vs Eulex Kosovo (C-439/13 P, EU:C:2014:2416, punt 51): "anki fl-assenza ta' dispożizzjoni espressa li tagħti lill-entità inkwistjoni l-personalità ġuridika, inqis li l-formulazzjoni tal-ħames paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE toħloq preżunzjoni qawwija ħafna fis-sens li jekk l-istituzzjonijiet joħolqu entità li tista' tieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-individwi, għandu xorta waħda jkun jeżisti rimedju ġudizzjarju".

25 — Ara, wkoll, il-punt 105 ta' din is-sentenza.

71. Huwa għalhekk ċar li sa issa, il-grupp tal-euro u l-Bord tal-Gvernaturi tal-MES għandhom eżattament l-istess kompożizzjoni peress li, sa mill-ħolqien tiegħu, il-Bord tal-Gvernaturi ddeċieda li jkun ippresedut mill-President tal-grupp tal-euro.

72. Fir-rigward tal-Kummissjoni u tal-BĊE, l-Artikolu 5(3) tat-Trattat MES jipprevedi li l-membru tal-Kummissjoni inkarigat mill-affarijiet ekonomiċi u monetarji u l-President tal-BĊE jistgħu jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bħala osservaturi.

73. Stat Membru li jkollu l-ħsieb jitlob lill-MES sostenn finanzjarju permezz tal-MES għandu jsegwi l-proċedura spjegata fl-Artikolu 13 tat-Trattat MES.

74. Skont l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu, dan l-Istat Membru għandu jibgħat talba għal sostenn għall-istabbiltà lill-President tal-Bord tal-Gvernaturi, li jinkariga lill-Kummissjoni sabiex tevalwaha flimkien mal-BĊE.

75. L-Artikolu 13(2) tat-Trattat MES jipprevedi li l-Bord tal-Gvernaturi tal-MES jista' jiddeċiedi li jagħti, fil-prinċipju, sostenn għall-istabbiltà lil Stat Membru li jitlobha abbażi tat-talba tiegħu u tal-evalwazzjoni ta' din it-talba mill-Kummissjoni u mill-BĊE.

76. Skont l-Artikolu 13(3) tat-Trattat MES, jekk jieħu tali deċiżjoni, il-Bord tal-Gvernaturi jinkariga lill-Kummissjoni u lill-BĊE "u, kull fejn possibbli, flimkien mal-FMI [...] bil-kompitu li [jiġi nnegozjat] mal-[Istat] Membru konċernat [...], memorandum ta' qbil [...] li jispeċifika f'dettal il-kondizzjonalità marbuta mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja".

77. Għandu jiġi speċifikat li, skont l-Artikolu 5(6)(g) tat-Trattat MES, huwa l-Bord tal-Gvernaturi li għandu jistabbilixxi bi qbil il-kundizzjonalità ta' politika ekonomika li għandha tkun marbuta mal-assistenza finanzjarja lill-Istat Membru f'diffikultà.

78. Skont l-Artikolu 13(4) tat-Trattat MES, il-Kummissjoni tiffirma l-memorandum ta' qbil għan-nom tal-MES jekk dan josserva l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3 u jekk ikun ġie approvat mill-Bord tal-Gvernaturi.

79. Il-Bord tad-Diretturi tal-MES imbagħad japprova "il-ftehim dwar faċilità ta' assistenza finanzjarja [26].

80. Sussegwentement, huwa l-Istat Membru kkonċernat li għandu jieħu l-miżuri nazzjonali neċessarji sabiex jimplementa l-obbligi li jinsabu fil-memorandum ta' qbil.

81. Infakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fil-punt 161 tas-sentenza Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756), fir-rigward tal-funzjonijiet mogħtija lill-Kummissjoni u lill-BĊE fil-kuntest tat-Trattat MES li, minkejja "li huma importanti, [dawn] ma jinkludu ebda poter ta' teħid ta' deċiżjonijiet speċifiku għal dawn l-istituzzjonijiet. Barra minn hekk, l-attivitajiet imwettqa minn dawn iż-żewġ istituzzjonijet fil-kuntest tal-istess trattat jorbtu lill-MES biss" [27].

82. Madankollu ninnota li, bis-saħħa tal-Artikolu 13(4) tat-Trattat MES, jidhirli li l-Kummissjoni għandha setgħa (u dmir, fil-kwalità tagħha ta' gwardjan tat-Trattati) li twaqqaf memorandum ta' qbil jekk dan tal-aħħar ma jkunx, kif jirrikjedi l-paragrafu 3 tal-istess artikolu, kompatibbli mal-miżuri ta' koordinazzjoni ta' politika ekonomika previsti mit-Trattat FUE. Huwa veru li dan ir-rifjut mill-Kummissjoni li teżegwixxi l-mandat ta' ffirmar tal-memorandum ta' qbil għan-nom tal-MES huwa improbabbli ferm ("teoretiku", qalet il-Kummissjoni fis-seduta) sa fejn il-Kummissjoni tkun żgurat l-kompatibbiltà rikjesta mill-Artikolu 13(3) tat-Trattat MES f'kull stadju tal-proċess sa mit-talba

26 — Artikolu 13(5) tat-Trattat MES.

27 — Parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-Bord tal-Gvernaturi bħala osservaturi, negozjati, firma u sorveljanza tal-implementazzjoni tal-memorandum ta' qbil mill-Istat Membru kkonċernat.

tal-Istat Membru f'diffikultà, iżda din l-improbabbiltà politika ma tneħħi xejn mill-konstatazzjoni ġuridika. Minkejja dan, kull firma tal-Kummissjoni ssir biss għan-nom tal-MES u, kif indikat fil-punt 161 tas-sentenza Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756), torbot biss lill-MES li għalhekk huwa l-uniku awtur tal-atti deċiżjonali inkwistjoni.

83. Barra minn hekk, peress li t-tilwim li jirriżulta mit-Trattat MES (u għalhekk mill-atti tal-MES) ma jistax jasal fil-Qorti tal-Ġustizzja ħlief skont il-proċedura ta' kompromess (Artikolu 273 TFUE) prevista fl-Artikolu 37(3) tat-Trattat MES [28], il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi, abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, rikors għal annullament ippreżentat kontra att adottat mill-MES.

84. Bl-istess mod, il-miżuri nazzjonali adottati abbażi biss tal-memorandum ta' qbil ma jikkostitwixxux implementazzjoni mill-Istati Membri tad-dritt tal-Unjoni, anki jekk l-Artikolu 13(3) tat-Trattat MES jipprevedi fit-tieni paragrafu tiegħu li "[il-memorandum ta' qbil] għandu jkun għalkollox konsistenti […] ma' kull att fil-liġi tal-Unjoni Ewropea" [29].

85. Madankollu, il-miżuri li huma s-suġġett ta' memorandum ta' qbil, adottat fil-kuntest tal-MES, kienu wkoll, sa issa, b'mod ftit jew xejn iddettaljat, is-suġġett ta' deċiżjoni tal-Kunsill, adottata fil-kuntest tat-Trattat FUE, mill-Kunsill [30], proċedura li forsi hija ddettata mill-biża' li l-memorandum ta' qbil ma huwiex legalment vinkolanti.

86. Din l-ipoteżi hija kkonfermata mid-deċiżjonijiet ta' ċerti qrati nazzjonali.

87. Is-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat, Greċja) iddeċieda b'mod partikolari, fir-rigward tal-ewwel u tat-tieni memoranda ta' qbil iffirmati mir-Repubblika Ellenika fl-2010 u fl-2012 rispettivament, li dawn ma kinux trattati internazzjonali għaliex il-partijiet ma assumewx obbligi reċiproċi u ma kinux jipprevedu mekkaniżmu li jobbliga lill-awtoritajiet Elleniċi jeżegwixxu t-termini tagħhom [31]. Skont is-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat), dawn il-memoranda ta' qbil kienu jikkostitwixxu biss il-programm politiku li l-Istat Membru inkwistjoni kellu l-ħsieb jimplementa sabiex jibbenefika mill-assistenza finanzjarja [32]. Fi kliem ieħor, dawn il-memoranda ma kinux strument legalment vinkolanti.

88. Sabiex jasal għal din il-konstatazzjoni, is-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) ibbaża ruħu fuq il-fatt li jekk il-memoranda ta' qbil kienu legalment vinkolanti, il-Kunsill ma kienx jadotta d-Deċiżjoni 2010/320 [33].

89. Fi kwalunkwe każ, id-deċiżjonijiet tal-Kunsill indirizzati lil Stat Membru jippermettu li jitqies li l-miżuri nazzjonali adottati bl-eżekuzzjoni ta' obbligi meħuda minn Stat Membru fil-konfront tal-MES jikkostitwixxu implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, u dan anki jekk il-memorandum ta' qbil ma jikkostitwixxix att tad-dritt tal-Unjoni, iżda sakemm dawn il-miżuri jittieħdu fid-deċiżjoni tal-Kunsill adottata wara l-iffirmar tal-memorandum ta' qbil.

28 — Ara s-sentenza Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756, punti 170 sa 176).

29 — Ara, wkoll, is-sentenza Pringle (C-370/12, EU:C:2012:756, punt 174).

30 — Ara, fil-każ tar-Repubblika ta' Ċipru, id-Deċiżjoni 2013/236, li l-Artikolu 2(6)(d) tagħha jipprevedi li: "[i]l-programm [ta' aġġustament makroekonomiku] għandu jipprevedi dawn il-miżuri u riżultati: […] li jittieħdu passi biex jiġi minimizzat il-kost tar-ristrutturar tal-banek għall-kontribwenti." Dan it-tnaqqis fl-ispiża għall-kontribwent neċessarjament ifisser il-parteċipazzjoni tad-depożitanti u għalhekk it-tnaqqis tal-valur ta' depożiti bankarji. Ara wkoll, fil-każ tar-Repubblika Ellenika, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/320/UE, tat-8 ta' Ġunju 2010, indirizzata lill-Greċja bil-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 145, p. 6), kif emendata, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/734/UE, tat-12 ta' Lulju 2011, indirizzata lill-Greċja bl-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit, liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rrimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 296, p. 38), kif emendata.

31 — Ara s-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) (assemblea plenarja) 668/2012, punt 27, u s-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) (assemblea plenarja) 2307/2014, punt 19.

32 — Ara s-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) (assemblea plenarja) 668/2012, punt 27, u s-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) (assemblea plenarja) 2307/2014, punt 19.

33 — Ara s-Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) (assemblea plenarja) 668/2012, punt 27.

90. Minkejja dan, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fid-digrieti ADEDY *et* vs Il-Kunsill (T-541/10, EU:T:2012:626, punt 87) u ADEDY *et* vs Il-Kunsill (T-215/11, EU:T:2012:627, punt 99)[34], id-deċiżjonijiet adottati mill-Kunsill li jirriproduċu l-obbligi meħuda fil-memorandum ta' qbil mill-Istat Membru f'diffikultà, ma jistgħux jikkonċernaw b'mod dirett[35] lill-individwi fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, li jagħmel ir-rikors tagħhom għal annullament inammissibbli.

91. Madankollu, peress li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(3) tat-Trattat MES jistipula li l-miżuri li jinsabu fil-memorandum ta' qbil għandhom ikunu "għalkollox konsistenti" mad-dritt tal-Unjoni u sa fejn dawn il-miżuri huma inklużi fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 19(1) TUE jipprovdu "r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva" li jippermettu lill-qrati tal-Istat Membru kkonċernat li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja talbiet għal deċiżjoni preliminari, dwar il-validità ta' dawn id-deċiżjonijiet u konsegwentement, tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku inkwistjoni[36].

3. Fuq ir-Regolament Nru 472/2013

92. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti huma msaħħa, anki jekk ma humiex applikabbli, *ratione temporis* għad-dikjarazzjoni kkontestata, bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 472/2013.

93. L-għan ta' dan ir-regolament huwa, kif tindika l-premessa 3, "[i]l-konsistenza sħiħa bejn il-qafas ta' sorveljanza multilaterali tal-Unjoni stabbilit mit-[Trattat FUE] u l-kundizzjonijiet ta' politika possibbli marbuta mal-assistenza finanzjarja [li] għandhom jiġu minquxa fid-dritt tal-Unjoni", fi kliem ieħor, il-koerenza bejn it-Trattat MES u t-Trattat FUE.

94. B'hekk l-Artikoli 5 u 7 tal-imsemmi regolament, li jagħtu d-dettalji dwar kif il-Kummissjoni u l-BĊE għandhom jeżerċitaw il-funzjonijiet li ngħataw permezz tal-Artikolu 13 tat-Trattat MES, jipprevedu l-adozzjoni ta' abbozz ta' programm ta' aġġustament makroekonomiku (isem ieħor għall-memorandum ta' qbil imsemmi mill-Artikolu 13(3) tat-Trattat MES) u l-approvazzjoni tiegħu mill-Kunsill, peress li huma l-Istati Membri taż-żona tal-euro biss li għandhom id-dritt ta' vot[37].

95. Filwaqt li jirrifletti l-Artikolu 13(7) tat-Trattat MES, l-Artikolu 7(4) tar-Regolament Nru 472/2013 jagħti lit-trojka, jiġifieri "[i]l-Kummissjoni, b'koordinazzjoni mal-BĊE, u fejn rilevanti, mal-FMI", id-dover li jissorveljaw il-progress li jsir minn Stat Membru fl-implementazzjoni tal-memorandum ta' qbil.

96. Bl-istess mod li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 13(3) tat-Trattat MES jipprevedi li l-memorandum ta' qbil għandu jkun "għalkollox konsistenti" mad-dritt tal-Unjoni, l-aħħar paragrafu tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 472/2013 jimponi li l-programm ta' aġġustament makroekonomiku jkun kompatibbli mal-Artikolu 152 TFUE u mal-Artikolu 28 tal-Karta.

34 — Mhux appellati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

35 — Ma kienx neċessarju li jiġi eżaminat jekk ir-rikorrenti kinux ikkonċernati b'mod individwali peress li l-kundizzjonijiet huma kumulattivi. Madankollu naħseb li, f'dawn il-każijiet, ir-rikorrenti lanqas ma jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kkonċernati b'mod individwali.

36 — F'dak li jirrigwarda din il-kawża, għandu jiġi nnotat li, skont il-ġurisprudenza tal-Anotato Dikastirio Kyprou (qorti suprema tar-Repubblika ta' Ċipru), id-depożitanti milquta bit-tnaqqis fil-valur tal-kontijiet tagħhom ma għandhomx interess ġuridiku għal rikors għal annullament kontra d-Digrieti Nru 103 u Nru 104, għaliex dawn id-digrieti ma jirrigwardawx ir-relazzjonijiet bejn l-Istat u l-individwi iżda huma indirizzati lejn il-banek ikkonċernati, jiġifieri l-Laïki u t-Trapeza Kyprou (sentenzi Myrto Christodoulou *et* vs Kentriki Trapeza Kyprou *et*, Kawża Nru 553/2013 *et*, 7 ta' Ġunju 2013, u Vias Dimitriou *et* vs Kentriki Trapeza Kyprou *et*, Kawża Nru 1034/2013 *et*, 9 ta' Ottubru 2014). Skont din il-ġurisprudenza, id-depożitanti, abbażi tar-relazzjoni kuntrattwali tagħhom mal-bank jistgħu jipproċedu b'rikors għad-danni kontrih quddiem il-qrati ċivili, proċedura li fiha r-Repubblika ta' Ċipru tista' tissejjaħ. F'dan il-kuntest, il-kwistjoni tal-legalità tad-Digrieti Nru 103 u Nru 104 u l-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tista' titqajjem sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà ċivili tal-bank u tal-Istat. Mal-ewwel daqqa ta' għajn, dan ma jidhirlix li huwa biżżejjed sabiex tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 19 TUE.

37 — Ara l-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 472/2013.

97. Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament Nru 472/2013, id-Deċiżjoni 2013/236 indirizzata lir-Repubblika ta' Ċipru ġiet imħassra u ssostitwita bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463, li adottat mill-ġdid il-programm ta' aġġustament makroekonomiku li jinsab fid-Deċiżjoni 2013/236 "għal raġunijiet ta' kjarezza u ta' ċertezza legali" [38].

98. Anki jekk l-individwi ma jistgħux juru li huma direttament ikkonċernati minn dawn id-deċiżjonijiet ta' implementazzjoni [39], l-Istati Membri xorta huma obbligati permezz tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li jistabbilixxu "r-rimedji meħtieġa sabiex jassiguraw protezzjoni legali effettiva" [40]. Kif spjegajt fil-punt 91 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jistaqsu lill-Qorti tal-Ġustizzja b'mod preliminari dwar il-validità tad-deċiżjoni ta' implementazzjoni u l-kompatibbiltà tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku mat-Trattat FUE, mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u mal-Karta.

B – *Fuq l-ewwel u t-tielet aggravji*

1. L-argumenti tal-partijiet

99. Permezz tal-ewwel u tat-tielet aggravji, Mallis *et* isostnu li d-digrieti appellati huma vvizzjati minn nuqqas ta' motivazzjoni tal-pożizzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-awtorità li realment u effettivament iddeċidiet it-tnaqqis tal-valur tad-depożiti fil-banek Laïki u Trapeza Kyprou jew li fi kwalunkwe każ ipprovokat jew imponiet li dan it-tnaqqis jiġi implementat mill-awtoritajiet Ċiprijotti, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni tad-Digrieti Nri 103 u 104. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ma ħaditx inkunsiderazzjoni il-fatt li dan it-tnaqqis jirriżulta biss minn modalitajiet u kundizzjonijiet imposti fuq ir-Repubblika ta' Ċipru mill-Kummissjoni u mill-BĊE permezz tad-dikjarazzjoni kkontestata.

100. Mallis *et* isostnu li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx l-argument tagħhom li l-grupp tal-euro ma jistax jitqies bħala sempliċi forum ta' diskussjoni. Peress li dan ma ngħata jew ma ġie ddelegat bl-ebda kompetenza tal-Kummissjoni u tal-BĊE, għandu jiġi dedott li jikkostitwixxi mezz li permezz tiegħu l-Kummissjoni u l-BĊE jieħdu deċiżjonijiet dwar il-kwistjonijiet speċifiċi marbuta mal-MES jew mal-istabbiltà finanzjarja.

101. Barra minn hekk, skont Mallis *et*, il-Kummissjoni u l-BĊE huma l-"awturi reali" tad-dikjarazzjoni kkontestata. F'dan ir-rigward, huma jallegaw li l-Qorti Ġenerali ma setgħetx tinjora, kif għamlet, la l-konstatazzjoni tagħha stess li għamlet fil-punt 61 tad-digrieti appellati li d-dikjarazzjoni kkontestata kien fiha serje ta' formulazzjonijiet "li jistgħu jidhru kategoriċi", u lanqas ir-rwol tal-Kummissjoni u tal-BĊE fil-kuntest tat-Trattat MES li l-Kummissjoni tinnegozja u tiffirma l-memorandum ta' qbil u, flimkien mal-BĊE, tissorvelja l-implementazzjoni mill-Istat Membru kkonċernat tal-miżuri previsti minn dan il-memorandum.

102. Il-Kummissjoni ssostni li Mallis *et* ma jidentifikawx il-punti tad-digrieti appellati li huma vvizzjati bi żball ta' liġi. L-ewwel aggravju għandu għalhekk jitqies bħala inammissibbli. Fi kwalunkwe każ huwa infondat, peress li d-digrieti appellati huma immotivati biżżejjed.

103. Skont il-Kummissjoni, Mallis *et* fl-appelli tagħhom sostnew, mingħajr ebda motivazzjoni, li d-deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi, essenzjalment, deċiżjoni komuni tal-BĊE u tal-Kummissjoni li jaġixxu "permezz tal-grupp tal-euro". Dan l-argument ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali permezz ta' argument issostanzjat.

38 — Premessa 6 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/463.

39 — Ara l-punt 90 ta' dawn il-konklużjonijiet.

40 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 36 ta' dawn il-konklużjonijiet.

104. L-argument li l-Qorti Ġenerali ma eżaminatx il-fatt li r-Repubblika ta' Ċipru u b'mod partikolari l-Gvernatur tal-BĊĊ kull ma għamlu kien li applikaw id-deċiżjonijiet tal-grupp tal-euro huwa ineffettiv għaliex huwa bbażat fuq il-premessa żbaljata li d-dikjarazzjoni kkontestata ġiet adottata mill-Kummissjoni u mill-BĊE. Fi kwalunkwe każ, dan huwa argument inammissibbli u ineffettiv għaliex ma għandu l-ebda rabta mal-evalwazzjoni tal-Qorti Ġenerali dwar il-legalità tal-att ikkontestat.

105. Il-BĊE jinnota li Mallis *et* jippruvaw jikkontestaw il-konklużjonijiet fattwali tal-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda dubju li din l-evalwazzjoni tal-fatti ma hija vvizzjata minn l-ebda żball ta' liġi, peress li l-allegazzjonijiet ta' Mallis *et* ma humiex, skont l-BĊE, sostnuti minn raġunament konkret jew mill-ġurisprudenza.

106. Il-BĊE jqis, madankollu, li Mallis *et* fl-appelli tagħhom ma jressqu l-ebda argument sabiex isostnu l-allegazzjoni tagħhom li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi billi ddeċidiet li l-Kummissjoni u l-BĊE ma humiex l-awturi reali tad-dikjarazzjoni kkontestata, u sempliċement irrepetew l-argumenti li ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali.

2. Evalwazzjoni

107. Peress li l-ewwel u t-tielet aggravji huma intiżi speċifikament sabiex jikkontestaw il-konstatazzjoni magħmula mill-Qorti Ġenerali li tgħid li d-dikjarazzjoni kkontestata ma hijiex imputabbli la lill-Kummissjoni u lanqas lill-BĊE, għandhom jiġu ttrattati flimkien, billi huma relatati suffiċjentement mal-punti 41 sa 50 tad-digrieti appellati.

108. Fuq il-mertu, l-osservazzjonijiet li jidhru fil-punti 54 sa 82 ta' dawn il-konklużjonijiet jwassluni sabiex nikkonkludi li d-dikjarazzjoni kkontestata ma tistax tiġi imputata lill-Kummissjoni jew lill-BĊE u li l-Qorti Ġenerali ma wettqet l-ebda żball ta' liġi. Fil-fatt, il-Kummissjoni u l-BĊE jidħlu biss fil-kuntest ta' din il-proċedura bħala mandatarji tal-Bord tal-Gvernaturi tal-MES sabiex jinnegozjaw, jissorveljaw u jiffirmaw bħala mandatarji l-memorandum ta' qbil. Fuq kollox, kif tosserva l-Qorti Ġenerali fil-punt 43 tad-digrieti appellati, la mir-regoli relatati mal-grupp tal-euro u lanqas mill-fatti ma jirriżulta li "din l-entità rċeviet delega tal-kompetenza mill-Kummissjoni jew mill-BĊE, u lanqas li dawn l-istituzzjonijiet jistgħu jeżerċitaw kompetenzi ta' kontroll fir-rigward tagħha jew li jressqulha xi rakkomandazzjonijiet, u wisq inqas xi istruzzjonijiet vinkolanti".

109. Minkejja dan, jiena nistaqsi (anki jekk dan ma jbiddel bl-ebda mod id-destin tal-appelli inkwistjoni) jekk il-Qorti Ġenerali kellhiex qabel xejn tiddikjara r-rikors inammissibbli, sa fejn kien indirizzat b'mod ċar kontra l-Kummissjoni u l-BĊE għall-annullament ta' att tal-grupp tal-euro.

110. Huwa minnu, kif iddeċidiet il-Qorti Ġenerali fil-punt 36 tad-digrieti appellati, li "[l]-isem fir-rikors, bi żball, ta' konvenuta li ma tkunx l-awtur tal-att ikkontestat ma jwassalx għall-inammissibbiltà tar-rikors, jekk dan tal-aħħar ikun jinkludi elementi li jippermettu l-identifikazzjoni mingħajr ambigwità tal-parti li kontriha dan ikun ġie ppreżentat, bħall-isem tal-att ikkontestat u tal-awtur tiegħu".

111. Huwa veru li l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat ammissibbli rikors ippreżentat kontra l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u mhux kontra l-Bord tal-Gvernaturi tiegħu fi żmien meta, skont l-Artikolu 180(b) tat-Trattat KEE, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha kompetenza tiddeċiedi kawżi dwar il-deliberazzjonijiet tal-Bord tal-Gvernaturi tal-BEI[41]. Hija ddeċidiet li "għalkemm il-kliem fl-introduzzjoni tar-rikors jirreferi għall-Bank bħala l-konvenut, ir-rikors espressament jirreferi

41 — Ara d-digriet Il-Kummissjoni vs Il-BEI (85/86, EU:C:1986:292)

għall-Artikolu 180(b) tat-Trattat KEE u jispeċifika fl-introduzzjoni li r-rikors għandu bħala għan 'l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Gvernaturi tal-Bank'. Dawn l-elementi jippermettu li jiġi kkonstatat mingħajr ambigwità li r-rikors huwa indirizzat kontra l-Bord tal-Gvernaturi bħala korp ikkonċernat tal-Bank u li r-rikors jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 38(1) tar-Regoli tal-Proċedura"[42].

112. Iktar reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat bħala ammissibbli rikors għal annullament kontra direttiva tal-Parlament u tal-Kunsill ippreżentat mir-Renju ta' Spanja iżda indirizzat biss kontra l-Kunsill[43]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li "l-identifikazzjoni, fil-verżjoni oriġinali tar-rikors, tad-[Direttiva 2002/15/UE] 'tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill' bħala s-suġġett tar-rikors għal annullament tammonta għal indikazzjoni, impliċita iżda ċerta, kemm tal-Parlament u kemm tal-Kunsill bħala konvenuti u ma tippermetti li jkun hemm ebda dubju li l-intenzjoni tar-rikorrent kienet, sa mill-bidu nett, li jressaq ir-rikors kontra dawn iż-żewġ istituzzjonijiet"[44].

113. Barra minn hekk, ir-Renju ta' Spanja kien ikkorreġa r-rikors tiegħu fit-terminu tar-rikors sabiex jinnomina lill-Parlament u lill-Kunsill bħala konvenuti, u għalhekk il-Parlament seta' jipparteċipa fil-proċedura u jiddefendi lilu nnifsu.

114. Jiena ma naħsibx li din il-kawża fiha "żball" bħal dak ikkonstatat fid-digriet Il-Kummissjoni vs BEI (85/86, EU:C:1986:292) u fis-sentenza Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497) li ma pprekludix fil-kawżi li taw lok għal dan id-digriet u għal din is-sentenza, li jiġi kkorreġut ir-rikors. Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 37 tad-digrieti appellati, Mallis *et* insistew dwar id-deċiżjoni tagħhom li jippreżentaw ir-rikorsi tagħhom kontra l-Kummissjoni u l-BĊE u mhux kontra l-grupp tal-euro.

115. Għalhekk, jekk il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tapplika għal din il-kawża l-kunċett ta' "żball" li tqajjem fil-punt 36 tad-digrieti appellati[45] sabiex tanalizza l-imputabbiltà lill-Kummissjoni u lill-BĊE tad-dikjarazzjoni kkontestata, hija setgħet tibbaża ruħha sabiex tagħmel dan fuq ġurisprudenza oħra tal-Qorti tal-Ġustizzja[46].

116. Fil-fatt, fil-punt 14 tas-sentenza tagħha Il-Parlament vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-181/91 u C-248/91, EU:C:1993:271), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet iddeċidiet li "ma huwiex biżżejjed li att jiġi kklassifikat bħala 'deċiżjoni tal-Istati Membri' sabiex ma jkunx suġġett għall-istħarriġ stabbilit bl-Artikolu [263 TFUE]. Sabiex isir dan, ikun hemm bżonn li jiġi vverifikat jekk l-att inkwistjoni, fid-dawl tal-kontenut tiegħu u ċ-ċirkustanzi kollha li fihom kien adottat, huwiex fir-realtà deċiżjoni tal-Kunsill". Minn dan isegwi li, peress li l-grupp tal-euro ma huwiex organu jew korp tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali setgħet fuq din il-bażi teżamina, fil-punti 38 sa 50 tad-digrieti appellati, l-imputabbiltà tad-dikjarazzjoni kkontestata lill-Kummissjoni u lill-BĊE.

117. Konsegwentement, jekk hemm żball ta' liġi fil-motivazzjoni tal-analiżi magħmula mill-Qorti Ġenerali dwar l-imputabbiltà lill-Kummissjoni u lill-BĊE tad-dikjarazzjoni kkontestata, din l-analiżi setgħet issir u tkun ibbażata fuq motiv ieħor.

118. L-ewwel u t-tielet aggravji tal-appell għandhom madankollu jiġu miċħuda bħala infondati.

42 — Ara d-digriet Il-Kummissjoni vs Il-BEI (85/86, EU:C:1986:292, punt 6).

43 — Ara s-sentenza Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497).

44 — Ara s-sentenza Spanja u Il-Finlandja vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-184/02 u C-223/02, EU:C:2004:497, punt 17).

45 — Ara l-punt 110 ta' dawn il-konklużjonijiet.

46 — Ara l-punti 19 u 20 tas-sentenza Il-Parlament vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (C-181/91 u C-248/91, EU:C:1993:271) fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-argument li l-fatt li l-Kummissjoni hija inkarigata mill-ġestjoni ta' għajnuna speċjali lill-Bangladesh kien biżżejjed sabiex tiġi imputata lill-Kunsill id-deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Istati Membri li taw din l-għajnuna, peress li "ir-raba' paragrafu ta[l]-Artikolu 155 tat-Trattat KE effettivament ma jipprekludix lill-Istati Membri milli jinkarigaw lill-Kummissjoni sabiex tieħu ħsieb il-koordinazzjoni ta' azzjoni kollettiva meħuda minnhom abbażi ta' att tar-rappreżentanti taghhom magħquda fi ħdan il-Kunsill".

C – *Fuq it-tieni aggravju*

1. L-argumenti tal-partijiet

119. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, Mallis *et* jqisu li l-Qorti Ġenerali, b'mod żbaljat, ċaħdet l-argument tagħhom li d-deċiżjoni kkontestata hija att li jista' jiġi kkontestat peress li dan ipproduċa effetti legali u wassal għal sitwazzjoni ġuridika u fattwali li fiha tpoġġew ir-rikorrenti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali sostniet ukoll l-argument arbitrarju li r-Repubblika ta' Ċipru biss hija responsabbli għat-tnaqqis tal-valur tad-depożiti.

120. Il-Kummissjoni ssostni li dan l-aggravju ma huwiex fondat għaliex il-Qorti Ġenerali esponiet b'mod issostanzjat ir-raġunijiet li għalihom l-att ikkontestat ma jistax jipproduċi effetti legali fir-rigward ta' terzi. Dan jirriżulta, kif korrettament tirrileva l-Qorti Ġenerali, kemm mid-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-funzjonament tal-grupp tal-euro, li ma jawtorizzawhx jadotta atti legali vinkolanti, kif ukoll mill-kliem tad-dikjarazzjoni kkontestata, li hija ta' natura purament informattiva.

121. Il-BĊE jsostni li r-rikorrenti ma ressqux argumenti preċiżi sabiex jistabbilixxu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-grupp tal-euro ma kellux is-setgħa li jieħu miżuri vinkolanti, u għalhekk, bħala definizzjoni, li d-dikjarazzjonijiet tiegħu ma kinux jipproduċu effetti legali fir-rigward ta' terzi fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE. Barra minn hekk, il-BĊE jfakkar li l-appell għandu jindika b'mod preċiż il-motivi u l-argumenti ta' dritt invokati. Issa, Mallis *et* jillimitaw ruħhom sabiex jiddikjaraw li l-Qorti Ġenerali kellha tinterpreta b'mod differenti l-partijiet hawn fuq imsemmija, mingħajr ma jressqu argument ta' dritt f'dan ir-rigward. Anki dan l-aggravju għandu jiġi miċħud bħala manifestament inammissibbli.

2. Evalwazzjoni

122. Għandu jitfakkar li "skont ġurisprudenza stabbilita, l-ilmenti indirizzati kontra motivi inklużi biss għall-finijiet ta' kompletezza ta' deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali ma jistgħux iwasslu għall-annullament ta' din id-deċiżjoni u għalhekk huma ineffettivi" [47].

123. Hekk kif l-analiżi tal-Qorti Ġenerali dwar dan is-suġġett fil-punti 51 sa 62 tad-digrieti appellati ma saritx ħlief "għal finijiet ta' kompletezza", it-tieni aggravju, anki jekk kien fondat, ma jistax iwassal għall-annullament tad-digrieti appellati.

124. Konsegwentement, dan huwa aggravju ineffettiv li għandu jiġi miċħud.

125. Minkejja dan, u sabiex inkun eżawrijenti u b'riferiment għall-punti 54 sa 67 ta' dawn il-konklużjonijiet, lil hinn mir-raġunament tiegħi fuq il-kwalità jew le tal-grupp tal-euro bħala korp jew organu tal-Unjoni fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ma jidhirlix li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ddeċidiet li d-dikjarazzjoni kkontestata ma setgħetx tipproduċi effetti legali fir-rigward ta' terzi.

47 — Digriet Schneider Electric vs Il-Kummissjoni (C-188/06 P, EU:C:2007:158, punt 64). Ara wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Dansk Rørindustri *et* vs Il-Kummissjoni (C-189/02 P, C-202/02 P, C-205/02 P sa C-208/02 P u C-213/02 P,EU:C:2005:40, punt 148) u UASI vs Celltech (C-273/05 P, EU:C:2007:224, punti 56 u 57) u d-digriet Piau vs Il-Kummissjoni (C-171/05 P, EU:C:2006:149, punt 86).

126. Ċertament, kif il-Qorti Ġenerali tat x'tifhem fil-punt 61 tad-digrieti appellati (li jitkellmu fuq "formulazzjonijiet li jistgħu jidhru kategoriċi"), il-lingwaġġ u l-kontenut tad-dikjarazzjoni kkontestata ma humiex kompletament konformi mad-definizzjoni u mal-missjonijiet tal-grupp tal-euro li jinsabu fil-Protokoll Nru 14, jiġifieri laqgħa informali tal-Ministri tal-Istati Membri taż-żona tal-euro "sabiex ikunu diskussi kwistjonijiet marbuta mar-responsabbiltajiet speċifiċi li [dawn tal-aħħar] jaqsmu fejn tidħol il-munita unika".

127. Nirreferi b'mod partikolari għall-partijiet tad-dikjarazzjoni kkontestata fejn il-grupp tal-euro jiddikjara li huwa laħaq ftehim mal-awtoritajiet Ċiprijotti f'dak li jirrigwarda l-elementi essenzjali tal-programm ta' aġġustament makroekonomiku u li huwa talabhom, kif ukoll lill-Kummissjoni, lill-BĊE u lill-FMI, sabiex jiffinalizzaw il-memorandum ta' qbil li jkopri dawn l-elementi [48].

128. Dawn l-elementi essenzjali inklużi fid-dikjarazzjoni kkontestata kif ukoll fl-anness tagħha kienu l-garanzija tad-depożiti bankarju sa EUR 100 000, l-għeluq tal-Laïki, id-diviżjoni ta' din tal-aħħar fi struttura ta' trasferiment ta' assi u f'bank riorganizzat, it-teħid mill-ġdid tal-bank riorganizzat mit-Trapeza Kyprou u l-parteċipazzjoni tad-depożitanti fil-proċedura ta' riorganizzazzjoni ta' dawn iż-żewġ banek sal-ammont mhux iggarantit [49], peress li l-legalità ta' dan tal-aħħar kien ikkontestat minn Mallis *et* permezz tar-rikorsi għal annullament tagħhom quddiem il-Qorti Ġenerali.

129. Madankollu, il-grupp tal-euro "laqa'" il-pjan ta' ristrutturazzjoni tas-settur finanzjarju tar-Repubblika ta' Ċipru, "ħa konjizzjoni" tal-obbligi meħuda mill-awtoritajiet Ċiprijotti u "stenna" li l-Bord tal-Gvernaturi tal-MES japprova fi żmien qasir il-proposta ta' qbil relatata mal-faċilità ta' assistenza finanzjarja, kliem li juru n-nuqqas ta' deċiżjoni b'effetti legali vinkolanti.

130. Barra minn hekk, nirrileva l-fatt li d-dikjarazzjoni kkontestata ġiet adottata fil-25 ta' Marzu 2013, wara li, fid-19 ta' Marzu 2013, il-Parlament Ċiprijott irrifjuta abbozz ta' liġi li kien jimponi taxxa fuq id-depożiti bankarji kollha tar-Repubblika ta' Ċipru, kundizzjoni li l-grupp tal-euro kien semma fid-dikjarazzjoni tiegħu tas-16 ta' Marzu 2013, meta kkunsidra li l-għoti ta' assistenza finanzjarja lir-Repubblika ta' Ċipru kienet, fil-prinċipju, iġġustifikata [50].

131. Nirrileva wkoll il-fatt li l-awtoritajiet Ċiprijotti immedjatament adottaw miżuri oħra nazzjonali li ppermettew l-implementazzjoni tal-ftehim politiku msemmi fid-dikjarazzjoni kkontestata. Fil-fatt, it-tnaqqis tal-valur ta' depożiti bankarji fi ħdan il-Laïki u t-Trapeza Kyprou ġie previst fid-Digrieti Nru 103 u Nru 104 adottati mill-BĊĊ u li daħlu fis-seħħ fid-29 ta' Marzu 2013 [51].

132. Din ir-rabta ċertament turi li l-grupp tal-euro mingħajr dubju għandu piż politiku kunsiderevoli u li l-Istati Membri jħossu ruħhom marbutin bil-ftehim maqbula fi ħdan dan il-forum. Madankollu, dan ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi kkunsidrat li d-dikjarazzjoni kkontestata pproduċiet effetti legali vinkolanti fir-rigward ta' terzi fis-sens tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

133. Konsegwentement, naqbel mal-osservazzjoni tal-Qorti Ġenerali, fil-punt 61 tad-digrieti appellati, li l-miżuri deċiżi mill-grupp tal-euro "ma jistgħux jinqraw b'mod iżolat, iżda għandhom, għall-kuntrarju, jitpoġġew fil-kuntest tagħhom, li juri b'mod ċar il-kontenut purament informattiv tad-dikjarazzjoni kkontestata".

48 —
– "Il-grupp tal-euro kkonkluda ftehim mal-awtoritajiet Ċiprijotti dwar l-elementi essenzjali ta' programm futur ta' aġġustament makroekonomiku. Dan il-ftehim għandu s-sostenn tal-Istati Membri kollha li l-munita tagħhom hija l-euro kif ukoll [tal-Kummissjoni, tal-BĊE u tal-FMI] […]. Il-grupp tal-euro jitlob lill-awtoritajiet Ċiprijotti u lill-Kummissjoni, flimkien mal-BĊE u mal-FMI, sabiex jiffinalizzaw il-memorandum ta' qbil fil-livell tas-servizzi kkonċernati għall-bidu [tax-xahar ta'] April […]."

49 — Ara l-punti 30 u 31 ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 — Ara l-punti 25 sa 29 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51 — Ara l-punti 32 sa 35 ta' dawn il-konklużjonijiet.

134. L-istess ma japplikax għad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni 2013/236 u tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/436 [52], li, rispettivament, fl-Artikoli 2(6)(d) u 2(5)(c) tagħhom jibdlu l-impenn tar-Repubblika ta' Ċipru li tnaqqas il-valur tad-depożiti bankarji f'obbligu legali vinkolanti. Madankollu, dawn id-dispożizzjonijiet ma ssemmewx f'dawn l-appelli.

135. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni aggravju tal-appelli ta' Mallis *et* għandu jiġi miċħud.

D – *Fuq ir-raba' aggravju*

1. L-argumenti tal-partijiet

136. Permezz tar-raba' aggravju, Mallis *et* jirreferu għall-kundanna tagħhom għall-ispejjeż tal-ewwel istanza u jsostnu li, jekk l-appell jiġi milqugħ, huma ma għandhomx jiġu kkundannati għall-ispejjeż sostnuti fl-ewwel istanza.

137. Il-Kummissjoni ssostni li t-talba għall-kundanna tal-ispejjeż tal-proċedura hija mressqa b'mod żbaljat mir-rikorrenti bħala aggravju ta' appell.

138. Il-BĊE jsostni li dan l-aggravju huwa intiż sabiex itawwal l-eżekuzzjoni tad-digrieti appellati u jfakkar f'dan ir-rigward li, skont l-Artikolu 278 TFUE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 60 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja, appell ma għandux effett sospensiv.

2. Evalwazzjoni

139. Kif iddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 65 tad-digriet Schmoldt *et* vs Il-Kummissjoni (C-342/04 P, EU:C:2005:562), "skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja 'appell ma jistax isir biss fuq l-ammont ta' l-ispejjeż u fuq min għandu jħallashom'. Barra minn hekk, hija ġurisprudenza stabbilita li, fil-każ fejn l-aggravji kollha l-oħra ta' appell ġew miċħuda, it-talbiet dwar l-allegata irregolarità tad-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali dwar l-ispejjeż għandha tiġi miċħuda bħala inammissibbli, skont din id-dispożizzjoni" [53].

140. Peress li r-raba' aggravju jirrigwarda biss l-ispejjeż u peress li l-aggravji l-oħra għandhom jiġu miċħuda, ir-raba' aggravju għandu wkoll jiġi miċħud bħala inammissibbli.

VII – **Konklużjoni**

141. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja:

— tiċħad l-appelli, u

— tikkundanna lil Konstantinos Mallis, Elli Konstantinou Malli, Tameio Pronoias Prosopikou Trapezis Kyprou, Petros Chatzithoma, Elenitsa Chatzithoma, Lella Chatziioannou u Marinos Nikolaou għall-ispejjeż tagħhom, kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni u mill-BĊE f'partijiet indaqs.

52 — Ara, b'analoġija, Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) (assemblea plenarja) 668/2012, punt 27, u Symvoulio tis Epikrateias (kunsill tal-istat) (assemblea plenarja) 2307/2014, punt 19, kif ukoll il-punti 86 sa 88 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 — Ara, wkoll, f'dan is-sens, is-sentenzi Henrichs vs Il-Kummissjoni (C-396/93 P, EU:C:1995:280, punti 65 u 66); Il-Kummissjoni u Franza vs TF1 (C-302/99 P u C-308/99 P, EU:C:2001:408, punt 31); Freistaat Sachsen *et* vs Il-Kummissjoni (C-57/00 P u C-61/00 P, EU:C:2003:510, punt 124), u Tralli vs BĊE (C-301/02 P, EU:C:2005:306, punt 88).